



Dokument ta' sessjoni

A8-0013/2016

28.1.2016

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija
(COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Marielle de Sarnez

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	8
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI	9
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	21

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija
(COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0460),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0273/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0013/2016),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Wara l-attakk terroristiku tas-26 ta' Ġunju 2015 f'Sousse, fit-Tuneżija, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Lulju 2015, iddikjara li l-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri tagħha, għandha tesplora l-possibbiltà li jittieħdu miżuri eċċezzjonali sabiex jappoġġaw l-ekonomija Tuneżina.

Emenda

(2) Wara l-attakk terroristiku tas-26 ta' Ġunju 2015 f'Sousse, fit-Tuneżija, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Lulju 2015, iddikjara li l-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri tagħha, għandha tesplora l-possibbiltà li jittieħdu miżuri eċċezzjonali **u temporanji** sabiex jappoġġaw l-ekonomija Tuneżina.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-prodott agrikolu ewlieni tat-Tuneżija ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa hija parti importanti **tal-ekonomija** tal-pajjiż.

Emenda

(3) Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-prodott agrikolu ewlieni tat-Tuneżija ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa hija parti importanti **mill-ekonomija** tal-pajjiż, **kif ukoll f'diversi reġjuni ta' ċerti Stati Membri.**

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jipprevjenu l-frodi, **il-miżuri** kummerċjali awtonomi previsti għandhom ikunu **suġġett** għall-konformità mit-Tuneżija mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri

Emenda

(5) Sabiex jipprevjenu l-frodi **u jiżguraw li l-miżuri** kummerċjali awtonomi previsti **jkunu ta' benefiċċju reali għall-ekonomija tat-Tuneżija, dawn** għandhom ikunu **suġġetti** għall-konformità mit-Tuneżija

marbuta magħhom, kif ukoll għall-kooperazzjoni amministrattiva effettiva tat-Tuneżija mal-Unjoni.

mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri marbuta magħhom, kif ukoll għall-kooperazzjoni amministrattiva effettiva tat-Tuneżija mal-Unjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5a

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-impatt taż-żejt taż-żebuga fuq is-suq tal-Unjoni mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Fil-każ li jiġi kkonstatat li s-suq tal-Unjoni jkun ġie affettwat mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tippromponi miżuri korrettivi intiżi biex ireġġgħu s-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni għal li kienet qabel. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2).

NOTA SPJEGATTIVA

L-attentati terroristiċi tat-18 ta' Marzu 2015 f'Tunis u dawk tas-26 ta' Ġunju 2015 f'Sousse kienu daqqa ta' ħarta kbira għall-ekonomija Tuneżina, fi żmien fejn diġà kienet qed tiffaċċja diffikultajiet kbar.

F'dan il-kuntest diffiċli, l-Unjoni Ewropea tixtieq ittenni l-appoġġ tagħha, billi taħdem favur l-iżvilupp ekonomiku fit-Tuneżija b'mod konkret.

F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni Ewropea qed tippromovi li toffri, unilateralment u temporanjament, kwota tariffarja mingħajr dazju ta' 35 000 tonnellata fis-sena, jiġifieri total ta' 70 000 tonnellata, għall-esportazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa tat-Tuneżija lejn l-Unjoni, fil-forma ta' miżuri kummerċjali awtonomi, u dan mingħajr ma jiżdied il-volum globali ta' importazzjoni.

Tali kwota ser tkun disponibbli għal sentejn, mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017, u tibda tapplika meta l-kwota tariffarja mingħajr dazju attwali ta' 56 700 tonnellata, stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u t-Tuneżija, tkun ġiet eżawrita.

Din il-miżura se tkun ta' benefiċċju għal parti kbira tal-ekonomija Tuneżina. Fil-fatt, is-settur taż-żebbuġ fit-Tuneżija iħaddem, b'mod indirett, aktar minn miljun ruħ, u jirrapreżenta 20 % tal-impjiegi kollha fl-agrikoltura tal-pajjiż. Barra minn hekk, iż-żejt taż-żebbuġa hu l-prodott agrikolu ewlieni li tesporta t-Tuneżija.

Din id-dispożizzjoni temporanja ma tippreġudikax l-eżitu tan-negozjati dwar l-agrikoltura li se ssir fil-qafas tal-ftehim ta' kummerċ ħieles li beda jiġi nnegozzjat f'Ottubru 2015.

Permezz ta' dan l-impenn konkret u id f'id mat-Tuneżini biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ekonomiku tagħhom, l-Unjoni Ewropea qed taħdem ukoll favur il-proċess demokratiku f'dan il-pajjiż.

12.1.2016

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija (COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Clara Eugenia Aguilera García,

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-attakk terroristiku tas-26 ta' Ġunju 2015 f'Sousse wassal għal reazzjoni mill-UE dwar il-ħtieġa li tgħin lit-Tuneżija ulterjorment fit-tranżizzjoni politika u ekonomika tagħha, b'mod konkret u immirat, permezz ta' azzjonijiet li jistgħu jkunu effikaċi fuq medda qasira ta' żmien. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li toffri kwota tariffarja temporanja u unilaterali mingħajr dazju ta' 35 000 tonnellata fis-sena għall-esportazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa tat-Tuneżija lejn l-Unjoni, taħt forma ta' miżura kummerċjali awtonoma. Din il-kwota se tkun disponibbli għal perjodu ta' sentejn, mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017. Dan il-volum addizzjonali jinfetħ ladarba l-kwota tariffarja mingħajr dazju eżistenti ta' 56 700 tonnellata, li hija minquxa fil-Ftehim, tiġi eżawrita.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur tikkondividi l-ħtieġa li l-UE tikkontribwixxi fl-għoti ta' spinta ġdida lill-ekonomija tat-Tuneżija f'perjodu indubbjament diffiċli. Minkejja dan, tosserva li s-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea hija solidarjetà li qed issir b'detriment għall-bdiewa tan-Nofsinhar tal-Ewropa, f'dan il-każ tal-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa. Globalment, l-UE għandha pożizzjoni ewlenija fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa, li l-produzzjoni tiegħu sservi bħala l-element prinċipali ta' sussistenza ekonomika u soċjali tal-inħawi produtturi. U hu proprju f'żoni estensivi tal-pajjiżi tal-UE fejn il-kriżi ekonomika kienet l-aktar serja, li s-settur taż-żejt taż-żebbuġa jggarantixxi eluf ta' impjiegi u jikkontribwixxi għall-bilanċ kummerċjali pożittiv tal-UE minħabba l-importanza tiegħu fl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

Minkejja li din is-sena l-prezzijiet tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa għolew f'it, it-tendenza ta' dawn l-aħħar għaxar snin kienet li l-prezzijiet jonqsu kontinwament u l-profittabilità tal-produzzjoni titmermer minħabba żieda kontinwa fl-ispejjeż tal-produzzjoni. Trid tissemma wkoll l-oppożizzjoni kostanti tal-Kummissjoni biex taġġorna l-prezzijiet tal-ħżin privat li, anke wara l-aħħar riforma, għadhom fil-livelli tas-snin disgħin.

L-għan tal-emendi li qed jiġu ppreżentati hu, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni tintalab twettaq studji tal-impatt li dan it-tip ta' miżuri se jkollhom fuq is-settur agrikolu Ewropew, dejjem sakemm tkun għet stabbilita l-vijabilità tal-proposta. Huwa importanti li tiġi enfasizzata n-natura eċċezzjonali u ta' emerġenza ta' din il-miżura, li għandha tkun limitata għall-perjodu u l-kwantitajiet proposti. Barra minn hekk, għandha tiġi applikata sistema ta' ġestjoni ta' kull xahar għal dawn il-kwantitajiet supplementari, bil-għan li jiġi mminimizzat l-impatt fuq is-suq Komunitarju taż-żejt taż-żebbuġa u jiġi evitat il-kollass tal-prezzijiet Ewropej f'xhur speċifiċi tas-sena.

Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-kwota attwali ta' 56 700 tonnellata stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, flimkien mal-importazzjonijiet li saru taħt l-arranġamenti ta' perfezzjonament attiv (TPA), diġà jagħtu lit-Tuneżija aċċess privileġġat għas-suq tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jikkunsidra l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-prodott agrikolu ewlieni tat-Tuneżija ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa hija parti importanti tal-ekonomija tal-pajjiż.

Emenda

(3) Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-prodott agrikolu ewlieni tat-Tuneżija ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa hija parti importanti mill-ekonomija tal-pajjiż, ***bħalma hi parti importanti tal-ekonomija ta' xi Stati Membri.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-aħjar mod biex l-Unjoni tappoġġa l-ekonomija tat-Tuneżija, b'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u fil-Ftehim Ewromediterranju, huwa billi ttiprovdi suq attraenti u affidabbli għall-esportazzjoni ***taż-żejt taż-***

Emenda

(4) L-aħjar mod biex l-Unjoni tappoġġa l-ekonomija tat-Tuneżija, b'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u fil-Ftehim Ewro-Mediterranju, huwa billi ttiprovdi suq attraenti u affidabbli għall-esportazzjoni tat-Tuneżija.

żebbuġa tat-Tuneżija. Dan jehrieg miżuri kummerċjali awtonomi li jippermettu l-importazzjoni ta' dan il-prodott fl-Unjoni abbażi ta' kwoti tariffarji mingħajr dazju.

Għal dan il-għan, sakemm jiġu konklużi n-negozjati dwar l-istabbiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), b'rispons għall-kriżi ekonomika fit-Tuneżija u b'appoġġ għar-riformi politiċi meħtieġa, l-Unjoni approvat żieda ta' EUR 300 miljun f'assistenza makrofinanzjarja lit-Tuneżija, li għandha titqassam fi tliet pagamenti ta' EUR 100 miljun fl-2015 skont id-Deċiżjoni 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^{1a}.

^{1a} Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li ttiprovdi għajjnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 9)

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-ħażniet taż-żejt taż-żebbuġa tal-Unjoni fil-bidu tas-sena tal-ħsad 2015/2016 huma inferjuri għal-livelli medji ta' snin ta' ħsad preċedenti u, b'riżultat ta' dan, huwa improbabbli li żieda fl-importazzjonijiet toħloq żbilanċi fis-swieq tal-Unjoni. Madankollu, fir-rigward tas-sena ta' ħsad li jmiss, għalissa huwa diffiċli li jiġu previsti l-volumi minħabba flutwazzjonijiet kbar fil-ħsad.

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 5**

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jipprevjenu l-frodi, il-miżuri kummerċjali awtonomi previsti għandhom ikunu suġġett għall-konformità mit-Tuneżija mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-orijini tal-prodotti u l-proċeduri marbuta magħhom, kif ukoll għall-kooperazzjoni amministrattiva effettiva tat-Tuneżija mal-Unjoni.

Emenda

(5) Sabiex jipprevjenu l-frodi ***u jiżguraw li l-konsumaturi huma protetti sew skont l-Artikolu 169 tat-TFUE***, il-miżuri kummerċjali awtonomi previsti għandhom ikunu suġġett għall-konformità mit-Tuneżija mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-orijini tal-prodotti u l-proċeduri marbuta magħhom, kif ukoll għall-kooperazzjoni amministrattiva effettiva tat-Tuneżija mal-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-preservazzjoni tal-istabbiltà tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa fl-Unjoni teħtieġ li l-volum addizzjonali ġġenerat permezz tal-miżuri kummerċjali awtonomi jsir disponibbli biss wara li jispiċċa l-volum taż-żejt taż-żebbuġa mingħajr dazju tal-kwota tar-rata tariffarja annwali stipulata fl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim Ewromediterranju.

Emenda

(6) Il-preservazzjoni tal-istabbiltà tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa fl-Unjoni teħtieġ li l-volum addizzjonali ġġenerat permezz tal-miżuri kummerċjali awtonomi jsir disponibbli biss wara li jispiċċa l-volum taż-żejt taż-żebbuġa mingħajr dazju tal-kwota tar-rata tariffarja annwali stipulata fl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim Ewromediterranju. ***Sabiex tiġi evitata ħsara kbira għall-istrutturi ta' produzzjoni tal-Unjoni, dan ir-Regolament jipprevedi miżuri ta' salvagwardja li jipprevjenu distorsjonijiet fis-suq.***

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Sabiex jiġi evitat impatt fuq l-għelejjel bħala riżultat tal-flutwazzjonijiet konsiderevoli fil-produzzjoni minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi, is-settur għandu

jingħata għodod bil-għan li jkun hemm aktar awtoregolamentazzjoni, mingħajr ebda spiża għall-baġit tal-Unjoni, u sabiex tiġi miġġielda l-volatilità tal-prezzijiet kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi. Il-miżuri speċifiċi stipulati fl-Artikolu 169 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^{1a} għandhom jiġu implimentati kif meħtieġ.

^{1a} Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rispett tal-kundizzjonijiet li **għalihom** l-arranġamenti preferenzjali previsti **huma soġġetti**. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati bl-għajjnuna tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, u skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

Emenda

(8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward **tal-istabiliment taċ-ċertifikati ta' importazzjoni li jingħataw bejn Jannar u Ottubru għall-perjodu ta' sentejn li tulu tkun fis-seħħ din il-miżura, u fir-rigward** tar-rispett tal-kundizzjonijiet li **huma soġġetti għalihom** l-arranġamenti preferenzjali previsti. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati bl-għajjnuna tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, u skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

⁴Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁴Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Il-miżuri kummerċjali awtonomi speċifiċi stabbiliti minn dan ir-Regolament huma maħsuba biex itaffu s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli, li qiegħda tiffaċċja bħalissa t-Tuneżija, minħabba l-attakki terroristiċi. ***Għalhekk dawk il-miżuri għandhom ikunu limitati fiż-żmien u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għan-negozjati bejn l-Unjoni u t-Tuneżija dwar it-twaqqif ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles fil-Fond u Komprensiv (DCFTA), li għandhom jibdew f'Ottubru tal-2015. Jekk ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq jew il-progress fin-negozjati dwar id-DCFTA, jista' jkun li jiġi kkunsidrat li jittawwal il-perjodu tal-applikazzjoni.***

Emenda

(9) Il-miżuri kummerċjali awtonomi speċifiċi stabbiliti minn dan ir-Regolament huma maħsuba biex itaffu s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli, li qiegħda tiffaċċja bħalissa t-Tuneżija, minħabba l-attakki terroristiċi, ***mingħajr riperkussjonijiet għas-settur agrikolu tal-Unjoni.***

Il-kwota l-ġdida tirrappreżenta żieda fil-konċessjoni tariffarja li diġà nġhatat mill-Unjoni lil dak il-pajjiż minkejja li s-suq taż-żejt taż-żebbuġa tal-Unjoni għadda minn mumentu kritiċi f'dawn l-aħħar snin.

Għaldaqstant, dawn il-miżuri huma limitati fiż-żmien u ma jistgħux iservu bħala preċedent fin-negozjati bejn l-Unjoni u t-Tuneżija dwar l-istabbiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), li bdew f'Ottubru 2015 u mistennija

*jipprevedu tnaqqis reċiproku ta' tariffi,
anki fis-settur agrikolu.*

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Hija miftuħa kwota *tariffarja* mingħajr dazju *annwali* ta' 35 000 tonnollata għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żejt verġni taż-żebuga li joriġina fit-Tuneżija u li huwa kklassifikat fil-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90.

Emenda

Għall-2016, kwota mingħajr dazju ta' 35 000 tonnollata għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żejt verġni taż-żebuga li joriġina fit-Tuneżija u li huwa kklassifikat fil-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, ***fejn dan iż-żejt taż-żebuga verġni joriġina kollu kemm hu mit-Tuneżija u ttrasportat direttament mit-Tuneżija lejn l-Unjoni.***

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar l-użu tal-bqija ta' din il-kwota mingħajr dazju fl-2017 bil-kundizzjoni li l-ħtiġijiet ta' provvista tas-swieq tal-Unjoni ikunu jirrikjedu dan.

Meta tfassal l-abbozz ta' dan l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapport ta' valutazzjoni previst mill-Artikolu 5b.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tamministra l-kwota tariffarja skont l-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tamministra l-kwota tariffarja skont l-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ***u billi tistabilixxi liċenzji ta' importazzjoni ta' kull xahar, li għandhom jingħataw bejn Jannar u Ottubru tas-snin 2016 u 2017, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-***

*^{1a}Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE)
Nru 1918/2006 tal- 20 ta' Diċembru 2006
li jiftaħ u jipprovdi għall-
amministrazzjoni ta' kwota tariffarja
għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-
Tuneżija.*

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk il-Kummissjoni ssib li *jkun* hemm biżżejjed evidenza li t-Tuneżija tkun naqqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, din tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali previsti fl-Artikolu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2).

Emenda

Jekk il-Kummissjoni ssib li *jeżisti żbilanċ fis-suq fil-livell tal-UE jew li* hemm biżżejjed evidenza li t-Tuneżija tkun naqqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, din tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali previsti fl-Artikolu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2).

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5a

Projbizzjoni fuq l-estensjoni

Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jistax jiġi estiż wara d-data stabbilita fl-Artikolu 7(2).

Ġustifikazzjoni

Peress li dawn huma miżuri awtonomi ta' emerġenza, jeħtieġ li jiġi speċifikat b'mod espliċitu

li l-perjodu ta' validità tagħhom ma jistax jiġi estiż.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5b

Rapport ta' valutazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-kwota tariffarja l-ġdida fuq is-swieq tal-Unjoni disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Hija għandha tippreżenta l-valutazzjoni tal-impatt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5c

Miżura ta' salvagwardja

F'każ li l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament iwasslu għal distorsjoni serja tas-suq tal-Unjoni jew jikkostitwixxu theddida ta' tali distorsjoni, dawn għandhom jiġu sospiżi mill-Kummissjoni.

Is-sospensjoni għandha ddum sakemm ikun neċessarju għal ritorn lejn kundizzjonijiet normali tas-suq u tista' tiġi estiża sa tmiem il-kwota.

Jekk il-kwota tinfetaħ mill-ġdid tul is-sena tal-validità, il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, tibdel il-ġestjoni tagħha permezz ta' att ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li tadotta l-aktar miżuri xierqa intiżi biex iħeġġu stabbiltà akbar fis-suq.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2).

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li tiġi introdotta miżura ta' salvagwardja f'każ ta' distorsjonijiet serji tas-suq li jirriżultaw minn din il-kwota straordinarja l-ġdida, li effettivament t'fisser żieda ta' aktar minn 50 % tal-kwota tat-Tuneżija sal-lum.

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Artikolu 5d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5d

L-applikazzjoni tal-Artikolu 169 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Sabiex tiżgura li s-settur taż-żejt taż-żebbuġa fl-Unjoni jiffunzjona mingħajr xkiel, il-Kummissjoni għandha tattiva l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 169 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru **2016**.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru **2016**.

L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2017, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.

Ġustifikazzjoni

Il-ħażniet taż-żejt taż-żebbuġa tal-Komunità fil-bidu tal-istaġun 2015/2016 huma inferjuri għall-medja ta' staġuni preċedenti. Għaldaqstant, mhuwiex mistenni li żieda fl-

importazzjonijiet se toħloq żbilanċi fis-swieq tal-UE. Madankollu, minħabba li d-domanda tal-Unjoni Ewropea għall-2017 ma tistax tkun prevista, jeħtieġ li jittieħed approċċ prudenti.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija	
Referenzi	COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 5.10.2015	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.10.2015	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Clara Eugenia Aguilera García 15.10.2015	
Eżami fil-kumitat	12.11.2015	1.12.2015
Data tal-adozzjoni	11.1.2016	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 11 0: 3	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, José Bové, Paul Brannen, Daniel Buda, Nicola Caputo, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Jens Rohde, Jordi Sebastià, Jasenko Selimovic, Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar Ayuso, Bas Belder, Franc Bogovič, Jean-Paul Denanot, Fredrick Federley, Julie Girling, Maria Heubuch, Ricardo Serrão Santos, Ramón Luis Valcárcel Siso	
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mark Demesmaeker	

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija
Referenzi	COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	17.9.2015
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 5.10.2015
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.10.2015
Rapporteurs Data tal-ħatra	Marielle de Sarnez 22.10.2015
Eżami fil-kumitat	30.11.2015
Data tal-adozzjoni	25.1.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 7 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Tiziana Beghin, David Borrelli, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Marielle de Sarnez, Santiago Fisas Ayxelà, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Karoline Graswander-Hainz, Yannick Jadot, Ska Keller, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, Marine Le Pen, David Martin, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Alessia Maria Mosca, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Matteo Salvini, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, Hannu Takkula, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Goffredo Maria Bettini, Jarosław Wałęsa
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Amjad Bashir, Ignazio Corrao, Sven Schulze
Data tat-tressiq	28.1.2016